MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 828/2007

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**-vs-**

**Air Ventilation Marine Limited (C 30318)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet lis-socjetà konvenuta thallas is-somma t'erba' mija u erbgha u disghin euro u sitta u sebghin centezmu (€494.76c) – (Lm212.40) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjetà konvenuta lil Assocjazzjoni GS1 Malta in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjetà attrici u dana ghas-snin 2006 u 2007. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 t'April, 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjetà konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna s-socjetà konvenuta thallas is-somma t'erba' mija u erbgha u disghin euro u sitta u sebghin centezmu (€494.76c) – (Lm212.40), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
**Gudikant**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------